MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2025

Avviż Numru: 71/2022NHV

**Julian Magri**
(359887M)

**vs**

**Quality Fruits and Vegetables Limited**
(C21555)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2022[1], li permezz tiegħu, ir-rikorrent talab lis-soċjetà intimata tgħid għaliex m'għandiex tkun ikkundannata tħallas lir-rikorrent is-somma ta' €12,665 rappreżentanti bilanċ ta' somma aktar ta' prezz ta' bejgħ ta' konsenja ta' patata mibjugħa lis-soċjetà intimata; flimkien mal-ispejjeż u imgħax, kontra s-soċjetà intimata, li kienet inġunta in subizzjoni.

[1] Fol. 1, flimkien ma' kopja ta' ittra uffiċjali bin-numru 41/21 u r-risposta relattiva a fol. 2 u 3, tal-proċess;

Rat li l-Qorti kif diversament presjeduta kienet appuntat din il-kawża għas-smigħ għas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022.[2]

Rat li l-partijiet ġew debitament notifikati bl-avviż.[3]

Rat ir-**risposta**[4] tas-soċjetà intimata Quality Fruits and Vegetables Limited (C21555) li permezz tagħha laqgħet għat-talba magħmula mir-rikorrent, kif ġej:

> "*1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif sejjer jiġi spjegat matul din il-kawża.*
>
> *2. Illi s-soċjetà intimata hija importatriċi taż-żerriegħa u esportatriċi tal-patata.*
>
> *3. Illi, wara li s-soċjetà ntimata tikseb iż-żerriegħa u tipprovdihom lill-bdiewa, dawn ikabbru l-patata u jfornuha lura lis-soċjetà ntimata, li sussegwentement tesporta l-istess patata.*
>
> *4. Illi meta bidwi jforni l-patata lis-soċjetà ntimata, il-patata tgħaddi minn proċess ta' grading.*
>
> *5. Illi meta r-rikorrent gab il-konsenja tal-patata li tikkostitwixxi l-mertu ta' din il-kawża, huwa ra kif ghamel biex haffef kemm seta' l-proċess tal-grading.*
>
> *6. Illi wara li din il-konsenja ġiet esportata mis-soċjetà intimata, l-aġent bl-isem ta' Kees Schouten, tas-soċjetà Olandiża 'Altena', irrapporta lis-soċjetà ntimata li l-konsenja tal-patata tar-rikorrent kienet "quite bad" (ara l-email ta' Kees Schouten hawn annessa u mmarkata Dok A).*
>
> *7. Ili, fil-fatt, parti kbira minn din il-patata kienet patata li, filwaqt li minn barra tidher normali, minn ġewwa kienet sewda, imhassra (ara r-ritratti annessi mal-email ta' Kees Shouten, hawn annessi u mmarkati Dok. B). Bir-ragun, il-konsumaturi bdew jilmentaw kontra dan il-prodott.*

[2] Fol. 7 tal-proċess;
[3] Fol. 9 tal-proċess;
[4] Fol. 10 sa 12 tal-proċess;

*B'kollox kien hemm madwar 13,520 kilo u cioe madwar 520 kaxxa tal-patata li nstabet imħassra.*

*8. Illi Raphael Scerri, direttur tas-soċjeta ntimata, kkomunika s-sitwazzjoni mar-rikorrent u offra li jhallsu d-differenza fil-konsenja ta' patata li ma kinitx imħassra, iżda r-rikorrent baqa' ma aċċettax. Raphael Scerri sahansitra offra lir-rikorrent li, a spejjeż ta' Scerri stess, jitilgħu l-Olanda flimkien sabiex jivverifikaw dak li qallhom l-Olandiż Kees Shouten. Ir-rikorrent kien pront irreaġixxa li ma jridx imur l-Olanda u li l-Olandiżi kienu biddlu t-tikketta.*

*9. Illi, kif indikat fil-kontro-talba ppreżentata kontestwalment ma' din ir-risposta, r-rikorrent għadu jrid iħallas lis-soċjetà ntimata l-ammont ta tlett elef, tliet mija u sittin Ewro (€3,360) għal żerriegħa ta' żewġ tipi (ara l-fatturi ghal din iz-zerriegha ddatati s-27 ta' Novembru 2018 fl-ammont ta' elf, mitejn u sittin Ewro [€1,260], l-20 ta' Diċembru 2018 fl-ammont ta' mitejn u għaxar Ewro (€210], l-14 ta' Diċembru 2019 fl-ammont ta' elf, erba' mija u sebghin Ewro (€1,470], u s-7 ta' Jannar 2020 fl-ammont ta' erba' mija u għoxrin Ewro [€420] hawn annessi u mmarkati Dok. C, Dok. D, Dok E u Dok. F) li nghatatlu biex ikun jista' jkabbar il-patata. Inoltre, ir-rikorrent ghadu jrid ihallas ukoll l-ammont ta' disa mija u tmienja u disghin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€998.45) għall-fertilizzant li ġie pprovdut lilu mill-istess soċjetà ntimata (ara l-fatturi għal dan il-fertilizzant iddatati l-28 ta' Diċembru 2019 fl-ammont ta' seba' mija, hamsa u disghin Ewro u tmenin centezmu [€795.80]) u tad-29 ta' Frar 2020 fl-ammont ta' mitejn u żewġ Ewro u hamsa u sittin centeżmu [€202.65] hawn annessi u mmarkati Dok. G u Dok. H). Dan ifisser li, komplessivament, ir-rikorrent jaf lis-soċjetà intimata l-ammont ta' erbat elef, tliet mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u erbghin ċenteżmu (€4,358.45).*

*10. Illi għandu jingħad ukoll li r-rikorrent għadu jrid jirritorna 74 kaxxa safra, bl-isem 'Raphael Xerri fuqhom, li ġew mogħtija lilu mis-soċjetà intimata sabiex hu jkun jista' jgorr il-patata fihom.*

*11. Illi għalhekk, bla dubju, dan jagħti lok għal tpaċija kif specifikat fil-kontro-talba ppreżentata kontestwalmewnt ma' din ir-risposta.*

*12. Illi, in vista tas-suespost, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż u l-imgħax skont il-liġi kontra l-istess rikorrent li huwa minn issa nġunt għas-subbizzjoni."*[5]

Rat li s-soċjetà intimata pprevalixxiet ruħha mill-kawża kif intavolata u ressqet is-segwenti kontro-talba tagħha[6]:

"*1. Illi r-rikorrent rikonvenzjonat ingħata żerriegha tal-patata kif ukoll fertilizzant mis-soċjetà ntimata rikonvenzjonanti, u dan sabiex ikun jista' jkabbar il-patata mertu tar-rikors promotur tal-kawża prinċipali.*

*2. Illi l-istess rikorrent rikonvenzjonat baqa' qatt ma ħallas ta' din iż-żerriegħa u tal-fertillizzant u għalhekk kellha ssir din il-kontro-talba għall-ammont ta' erbat elef, tliet mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u erbghin ċenteżmu (€4,358.45) rappreżentanti l-ħlas dovut għal żerriegħa li ngħatatlu biex ikabbar il-patata, kif ukoll għall-fertilizzant mogħti lilu, li baqa' ma sarx ħlas tagħhom (ara Dok. C, Dok. D, Dok. E, Dok. F, Dok. G u Dok. H);*

*3. IIIi, inoltre, r-rikorrent rikonvenzjonat għadu jrid jagħti lura lis-soċjetà ntimata rikonvenzjonanti 74 kaxxa safra, bl-isem Raphael Xerri fuqhom, li ġew mogħtija lilu mis-soċjetà ntimata sabiex hu jkun jista' jġorr il-patata fihom.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u għal dawk kollha li jirriżultaw fil-kors tal-kawża, s-soċjetà intimata rikonvenzjonanti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun, jogħġobha:*

*1. Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenzjonat bħala debitur tas-soċjetà ntimata rikonvenzjonanti fl-ammont ta' erbat elef, tliet mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€4,358.45).*

*2. Tordna lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex iħallas id-dejn ta' erbat elef, tliet mija u tmienja u ħamsin Ewro u hamsa u erbghin ċenteżmu*

[5] Flimkien mad-dokumenti annessi: Dok A – Email ta' Kees Schouten – fol. 17; Dok B – Ritratti – fol 18 sa 21; Dok C sa F – fatturi – fol 22 sa 27; Dok I – Ittra uffiċjali 2825/2022 – fol 28 sa 32; Dok J – Nota fl-itti ta' ittra uffiċjali 41/2021 – fol 33;
[6] Fol. 14 sa 16 tal-proċess;

*(€4,358.45) lis-soċjetà ntimata rikonvenzjonanti fi żmien qasir u perentorju ffisat minn din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Tordna lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex jagħti lura lis-soċjetà ntimata s-74 kaxxa sofor, bl-isem 'Raphael Xerri' fuqhom, li kienu ngħataw lilu biex iġorr il-patata fihom.*

*Bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż (inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali Nru 2825/2020 ppreżentata fir-Registru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Settembru, 2020, u tan-Nota ppreżentata fl-atti tal-ittra uffiċjali eżekuttiva Nru 41/2021 fid-9 ta' Marzu, 2021) kontra r-rikorrent rikonvenzjonat li jibqa' minn issa ingunt għas-subizzjoni."*[7]

Rat ir-risposta ta' Julian Magri, ippreżentata nhar id-09 ta' Ġunju 2022[8], fejn laqgħa għat-talbiet rikonvenzjonanti, billi qal li dawn għandhom jiġu miċħuda stante li li dak mitlub mhuwiex dovut kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Rat li din il-Qorti kif diversament presjeduta, kienet rat l-Artikolu 171A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u semgħet lill-partijiet kif ukoll eżaminat *prima facie* ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u kienet qieset li ma hemmx raġuni sabiex din il-kwistjoni tiġi riferuta għall-medjazzjoni, u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.[9]

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta[10].

---

[7] Flimkien mad-dokumenti annessi: Dok A – Email ta' Kees Schouten – fol. 17; Dok B – Ritratti – fol 18 sa 21; Dok C sa F – fatturi – fol 22 sa 27; Dok I – Ittra uffiċjali 2825/2022 – fol 28 sa 32; Dok J – Nota fl-itti ta' ittra uffiċjali 41/2021 – fol 33;
[8] Fol. 35 tal-proċess;
[9] Ara l-verbal tas-seduta miżmuma nhar is-27 ta' Ġunju 2022, a fol. 36 tal-proċess;
[10] Fol. 81 sa 82a tal-proċess;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2022[11], li permezz tiegħu ġie ordnat li l-erbgħa u sebgħin kaxxa msemmija fit-talba rikonvenzjonali jiġu ritornati mir-rikorrent lis-soċjetà intimata fi żmien erbatax-il jum.

Rat in-nota tas-soċjetà rikonvenzjonanti tat-3 ta' Mejju 2023[12] li hija rċeviet l-imsemmija erbgħa u sebgħin kaxxa mingħand ir-rikonvenzjonat.

Rat il-**provi** kollha mressqa mir-rikorrent fl-atti ta' din il-kawża, fosthom:

L-affidavit ta' Julian Magri[13] fejn stqarr li ilu bidwi full time għal ħmistax-il sena li jbiegħ prodotti tar-raba l-pitkali u għandu xi klijenti privat, u jieħu ħsieb 21 tomna raba saqwi, huwa jiżra l-patata u li għandu esperjenza kbira dwar kif jikkultivah biex ikollu l-aħjar prodott possibbli; huwa qal li ma kellu ebda problema ma' xi ħadd dwar il-kwalità tal-prodott. Magri stqarr li Raphael Scerri kien jixtri l-patata mingħandu biex jesportaha barra minn Malta. Huwa kkonferma li ż-żerriegħa u l-fertilizzant li kien ħa mingħand Scerri kien jammonta għal €4358.45 (l-ammont li qiegħed jintalab permezz tal-kontro-talba), u dan peress li huwa qal li kienu ftehmu li huwa ma jħallsux u meta jagħtih il-patata dan l-ammont jitnaqqas mill-ammont li kellu jħallsu tal-patata, huwa jgħid li l-ammont huwa naqsu mill-ammont li qiegħed jitlob permezz ta' din il-kawża. Magri jgħid li fis-sena 2019 kif kibret il-patata bdew jaqilgħuha u ħaduha għand Scerri immedjatament kif bdew jaqilgħuha. Huwa qal li kien ħadlu 1307 xkora tal-patata f'5 darbiet, u rrefera għall-kopji tal-irċevuti ppreżentati.[14] Jispjega li l-prezz li ftehmu kien ta' €13 kull xkora li jammonta għal €16,991, li minnu naqqas l-ammont imsemmi fil-kontro-talba ta' €4,358.45, u għalhekk l-ammont pretiż minnu permezz ta' din il-kawża huwa ta' €12,632.55.

Huwa qal li l-patata tinqala' mill-art bil-magni u tinġabar bl-idejn biex ma jiġrilix ħsara, u li jagħżilha waħda waħda biex jekk ikun hemm xi waħda mħassra jwarrabha, u jieħodha fl-istabbiliment ta' Raphael Scerri li qiegħed Ta' Qali.

Din il-patata titpoġġa ġo kaxxi li jipprovdilu Scerri u tinħatt minn fuq it-truck tiegħu bl-idejn u tinqeleb fuq conveyor belt fejn tgħaddi minn magni li tingħażel il-patata fi gradi differenti, u wara tgħaddi minn fuq conveyor belt iehor minn taħt dawl qawwi fejn ikun hemm xi nies biex jeżaminaw il-patata kważi wahda wahda u xi patata li ma tkunx tajba fis-sens tkun maqsuma jew naqra ħadra, jew tkun imħassra titneħħa. Wara il-patata titqiegħed fl-ixkejjer biex tiġi esportata. Huwa qal li jkun preżenti għal dan il-

[11] Fol. 40 u 41 tal-proċess;
[12] Fol. 50 tal-proċess;
[13] Fol. 56 sa 63 tal-proċess;
[14] Dok. JM1 sa JM5 a fol. 59 sa 63 tal-proċess;

proċess kollu, biex jara kemm-il patata tiġi mwarrba, biex tingħatalu lura. Huwa qal li f'dan il-każ qisu minn 100 kaxxa patata forsi tneħħew 7 kaxxi, li skontu dana huwa ammont żgħir ħafna. Huwa jgħid li dan huwa proċess strett ħafna tant illi jekk patata li tkun tajba u jkollha forma stramba titneħħa. Spjega li n-nies li jagħżlu l-patata huma impjegati tal-konvenut u huma esperti fil-patata u jgħarfu patata tajba minn dik li jkollha xi difett mill-ewwel. Huwa qal li wara li l-patata titpoġġa fl-ixkejjer tittieħed immedjatament f'cold rooms fejn tinżamm f'temperatura kkontrollata sabiex tiġi esportata. Huwa xehed li meta tiġi esportata l-patata suppost tintbagħat f'container li jkollu temperatura kiesħa, u jekk dan ma jseħħx, il-patata ma tibqax tajba għaliex dan il-proċess isir fl-aħħar ta' Ġunju u tkun ħafna sħana.

Huwa qal li Scerri kien dam ma ħallsu f'okkażjoni oħra, li meta ħadlu l-patata fis-sena 2018, kien ħallsu meta mar fis-sena 2019. Jgħid li Scerri kien ċempillu u qallu li l-patata kien fiha l-problemi wara xi xahrejn, u x-xhud jgħid li kien qallu li tah patata tajba, ra hu stess u rawha n-nies tiegħu kif ukoll kienu iċċekkjawha bil-magna u li rawha n-nies ta' Scerri u ma rawlha xejn ħażin, jgħid li anzi kienu qalulu kemm hi sabiħa. Ix-xhud jgħid li kien qal lil Scerri li fil-każ imur hu stess l-Olanda biex jara hu stess x'kien qiegħed jgħid dan l-Olandiż. Raphael Scerri kien urieh xi rtiratti li esebixxa bil-kawża ta' xi żewġ jew tlett ixkejjer li qal li kienu l-patata ta' Magri, u qal li dak il-ħin infaqa' jidħaq u qallu li ma kienx possibbli li l-patata kienet tiegħu dement li din ġiet trasportata kif suppost, jiġifieri f' temperatura kkontrollata. Ix-xhud spjega li l-patata tiġi fl-istat li qiegħda fir-ritratti meta tinżamm fix-xemx u sħana f'boroż magħluqin. Huwa jispjega li f'dak l-istat il-patata tkun rtabet ftit u għalhekk ma setgħetx kienet f' dak l-istat meta huwa ħadielu għaliex kieku l-magna meta għaddiha minnha u n-nies tiegħu li rawha mill-ewwel kienet titwarrab; huwa jkompli jispjega li l-patata f' dak l-istat li tidher fir-ritratti tkun bdiet tinten u hija riħa qawwija li xxommha mill-ewwel, u li dan ma kienx il-każ meta hu ħa l-patata lil Scerri. Huwa jinsisti li dik il-patata ma kienitx dik li kien tah hu.

Huwa kompla billi qal li baqa' jinsisti ma' Scerri biex imorru l-Olanda jaraw il-patata imma Scerri qatt ma qallu min kienet il-persuna li biegħet il-patata tiegħu jew fejn jinsab u spiċċaw qatt ma marru. Huwa insista li ma huwiex minnu dak li qal fir-risposta li Scerri qallu li se jħallas għall-biljett biex imorru l-Olanda flimkien, u li minkejja li kien qallu li se jiftehmu biex imorru, Scerri qatt ma kellmu aktar dwar dan.

Ix-xhud qal li Scerri kien mar joffrielu ċekk ta' €6,000 jew € 8,000, biex jaċċetta dan il-ħlas għas-saldu, imma Magri ma riedx għaliex hu kien ipprovda patata tajba lil Scerri u li dik is-somma anqas biss kienet tkopri l-ispejjeż li kien għamel u għalhekk ma aċċettax iċ-ċekk. Huwa tenna li minn l-istess lot ta' patata li ta lill-konvenut kien ta esportatur ieħor u kien esportaha lejn l-Olanda, u li dan l-istess esportatur kien qallu

li l-patata kienet ta' kwalità tajba ħafna, kien ħallsu u għadu jbiegħlu l-patata. Huwa spjega li kien hemm 1307 xkora bit-€13 kull xkora li jammontaw għal €16,991 u li minnhom iridu jitnaqqsu l-ammont li għandu jagħti lill-konvenut taż-żerriegħa u l-fertilizzant li qiegħed intalab fil-kontro-talba ta' €4358.45 u konsegwentement huwa qiegħed jippretendi li jitħallas €12,632.55.

Rat x-xiehda ta' Charlot Magri[15] fejn stqarr li huwa bejjiegħ tal-ħaxix u ilu f'dan ix-xogħol għal 16-il sena, u huwa kien ilu jaħdem ir-raba wkoll għal 15-il sena, li jiżirgħu l-patata prinċipalment. Huwa qal li l-patata li jiżirgħu tmur għall-esportazzjoni u parti oħra jżommuha biex ibiegħuha. Jgħid li l-patata jaqilgħuha mill-art, jiġbruha fil-kaxxi u jieħduha għand l-esportatur biex isirilha l-grading u l-esportatur jara li l-patata hija ta' kwalità biex tiġi esportata. B'riferenza għar-ritratti li huwa esebixxa[16] spjega li din hija patata maħżuna ġo cold room u għandha daqs ħames xhur maħżuna ġol-cold room, u li jekk tkun maħżuna sew il-patata tibqa' tajba. Ippreżenta USB stick[17] b'filmat u qal li huwa l-proċess ta' meta l-patata tittieħed għand l-esportatur, kif tgħaddi minn fuq ir-rollers u li jkun hemm in-nies li jduruha u jagħżluha. Huwa kkonferma li dan mhuwiex il-proċess tal-konvenut, iżda huwa wieħed simili, b'emfasi li jekk jaraw waħda ħażina jneħħuha. Tkun biss dik il-patata li tkun għaddiet u magħżula li tinxtara. Huwa qal li mal-mument ikunu tawha lill-esportatur u tkun intgħażlet, dik issir tal-esportatur, u jkun l-esportatur stess li jkun ta l-prezz li bih se jixtri l-patata. Meta mistoqsi dwar ir-ritratti li ppreżenta hu stess[18], huwa qal li jekk il-patata tkun f'kundizzjoni tajba, din iżżomm tal-inqas 5 xhur u tibqa' tajba. B'riferenza għar-ritratti a fol. 19 u 20, jispjega li l-patata issir hekk, il-patata li tkun ħażina minn meta tinqala' tidher mal-ewwel, u għalhekk l-esportatur stess (jew nies imqabbda minnu) kien jinduna mill-ewwel; huwa jinsisti li l-patata saret kif tidher fir-ritratti ma tkunx maħżuna sew. Huwa qal li ġieli mar għand l-esportatur hu stess, imma dakinhar ma kienx mar hu.

Rat x-xiehda ta' Manwel Azzopardi[19] li jaħdem il-Pitkalija u ilu jieħu ħsieb il-cold rooms għal 6 snin. Jgħid li jmorru l-bdiewa kif tinqala' f'Mejju u jpoġġuha fil-cold-room biex iżommuha fit-temperatura addattata, inkella din tinfaqa' bis-sħana. Din tinżamm għal kważi 5 xhur u tibqa' tale quale. Jispjega li tinżamm f'cold room peress li fiż-żmien li din tinqala' l-prezz tagħha jkun baxx u għalhekk tinżamm fil-cold room biex tinbiegħ wara. Huwa jispjega li jkun il-bidwi li jagħżel meta jkun se jieħodha mill-cold room, u

[15] Mogħtija viva voce quddiem din il-Qorti diversament preseduta waqt is-seduta ta' nhar l-20 ta' Novembru 2023, a fol. 68 sa 73 tal-proċess;
[16] Dok CM1 u CM2 a fol. 65 u 66 tal-proċess;
[17] Fol. 67 tal-proċess
[18] Fol. 65 u 66 tal-proċess;
[19] Mogħtija viva voce quddiem din il-Qorti diversament preseduta waqt is-seduta ta' nhar l-20 ta' Novembru 2023, a fol. 74 sa 79 tal-proċess;

huwa l-bidwi li jara x'se jagħmel biha. Azzopardi jgħid li waqt li l-patata tkun fil-cold room, din tkun responsabilità tagħhom. Huwa jispjega li jekk il-patata ma tinżammx fit-temperatura tajba tinfaqa', titħassar u tiswied. Meta muri ritratt huwa qal li l-patata ssir hekk minħabba li ma kellhiex temperatura tajba fejn kienet miżmuma u tinduna li l-patata jkollha l-ħsara, u dik li tkun bil-ħsara ma jaċċettawhiex biex idaħħluha fil-cold-room.

Rat x-xiehda ta' Adrian Brincat[20] li qal li huwa ilu jaf lil Julian Magri għal xi tletin sena, u li kien jgħin lil missieru u lil zijuh fil-ġbir tal-patata u kien anke jgħin lil Magri wkoll għal dan l-aħħar tnax-il sena. Spjega li huma komplew bix-xogħol tal-ġbir tal-patata u meta jkun hemm xi waħda ħadra kienu jneħħuha, u jgħabbuha biex tittieħed Ta' Qali biex eventwalment ta' Raphael Fruits and Vegetables jieħduha barra minn Malta. Jtenni li jekk ikun hemm patata ħadra jew tkun migrufa bil-magna, titneħħa, jimlew il-kaxxi, jgħabbi u tittieħed lejn Ta' Qali. Qal li jekk il-patata ma tkunx tidher sew titneħħa wkoll. Huwa spjega li jieklu patata ta' seba' xhur wara, huwa qal li jekk il-patata tkun miżmuma tajba żżomm bejn wieħed u ieħor seba' xhur. Huwa tenna li ma sarux ilmenti minn ħaddieħor fuq il-patata li qalgħu fis-sena partikolari li nqalgħet il-patata mertu tal-kawża, għaliex skont hu li kieku saru Magri kien jgħidlu. Meta muri r-ritratti a fol 18 sa 21, huwa qal li l-patata kif tidher fir-ritratti jneħħuha żgur qabel ma jgħabbuha għal ġol-kaxxi. Jgħid li kieku l-patata kienet hekk Raphael Fruits and Vegetables ma kienx jieħodha, huwa kien ċert li l-patata ġralha hekk għaliex ma kenitx merfugħa sew wara li nxtrat. Huwa qal li l-patata kif tidher fir-ritratti tkun ratba u jkollha r-riħa tintenn ħafna. Ix-xhud qal li l-patata jagħtuhielhom fi stat tajjeb, iżda l-patata ma kienitx miżmuma kif suppost.

Rat li waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Jannar 2024[21], ir-rikorrent iddikjara li qiegħed jagħlaq il-provi.

Semgħet il-kontro-eżami li sar lil Charlo Magri[22], huwa kkonferma li huwa ħu l-attur u li l-filmat fil-USB stick mhuwiex tal-konvenut, u li l-konvenut ma jużax cold room. Qal li meta jmorru bil-patata għand il-konvenut, huma jidħu bil-vann mgħobbi bil-patata u meta jindikawlhom ipoġġuha fuq il-conveyor u l-ħaddiema jaraw il-patata u jekk isibu xi waħda b'xi tikka ħadra, milquta, maqsuma, iwarrbuha, u t-tajba tibqa' għaddejja għall-esportazzjoni, waqt li dik li ma tkunx tajba ma tiġix aċċettata u tingħatalhom lura. Jispjega li wara li jsir dan il-proċess ipoġġu l-patata fi xkejjer u ma jafx x'isir minnha. Huwa spjega li wera l-filmat tal-cold room, biex juri li l-patata li jżomm hu jpoġġiha ġo cold-room u tibqa' tajba għal tul ta' żmien. Huwa qal li kien biegħ il-patata lill-intimat

---

[20] Mogħtija viva voce quddiem din il-Qorti diversament preseduta waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Jannar 2024, a fol. 190 tal-proċess;
[21] Fol. 80 tal-proċess;
[22] Magħmul quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar l-4 ta' Marzu 2024, a fol. 84 sa 94;

u kien biss xahar u nofs wara li ġie infurmat bil-ħsara u li l-patata marret. Meta mistoqsi jekk żammx patata minn din il-konsenja għalih, huwa qal li dejjem iżommu minn kull konsenja, iżda ma setgħax jgħid jekk minn din il-konsenja partikolari żammx jew le. Huwa ma qabilx meta ġie suġġerit li huwa qatt ma mar fis-sit tal-esportatur, u li ħuh ikun hemm meta jitla' bix-xogħol, u li ma kienx jiftakar x'ġara f'din id-darba partikolari għaliex dawn imorru hemm ħafna drabi. Jispjega li l-ħsara li t-tip ta' patata li qed issir il-kawża dwarha tidher mal-ewwel u mhux issir minn ġewwa; il-ħsara tibda minn barra u ssir kif qiegħed jiġi muri għaliex ma tkunx maħżuna tajjeb.

Semgħet il-kontro-eżami li sar lil Manuel Azzopardi[23] fejn qal li jekk il-patata tidħol tajjeb fil-cold-room tibqa' kif tkun la t-temperatura tkun tajba, jgħid li l-patata bid-dawl issir ħadra u bit-temperatura għolja tissewwes, tiħdar u tinfaqa'. Jgħid li l-patata għandha tinżamm fit-temperatura addattata. Huwa kkonferma li mar darba żgur għand il-konvenut, iżda ma jiftakarx meta mar. Huwa qal li jista' jkun li l-konvenut ma jżommx il-patata f'cold-room iżda mingħajr il-bidwi tmur fuq refer trailer u tiġi esportata mill-ewwel. Meta mistoqsi li l-ħsara kienet fuq ġewwa qabel ma bdiet tidher fuq barra, huwa qal li jaqsmu l-patata biex jaraw kif tkun; ma kienx preżenti meta saret il-konsenja mertu ta' din il-kawża.

Semgħet il-kontro-eżami li sar lil Julian Magri[24] fejn meta mistoqsi li l-patata trid tinqasam kollha biex tara jekk għandhiex il-ħsara huwa qal li mir-ritratti jidher li l-ħsara qiegħda minn barra u li din ma kenitx l-ewwel darba li Raphael għamel hekk. Huwa spjega li l-patata kellha l-ħsara fuq barra għaliex kellha l-ħsara fuq ġewwa. Jgħid li huwa ilu jaħdem ma' Quality Fruit and Vegetables bejn wieħed u ieħor tmien snin. Huwa kkonferma li ma jkunx waħdu jaqla' l-patata u jqabbad lin-nies anke jaraw il-kwalità. Min-naħa tiegħu huwa jiċċekkja l-patata u anke jaqsam minnhom ukoll biex jarahom minn ġewwa. Huwa jgħid li jekk il-patata ma jkollhiex marki, din ma jkollhiex ħsara. Jispjega li ma hemmx ammont fiss kemm-il patata jaqsam biex jiċċekkjaha. Jgħid li huwa jieħu mat-tliet mitt kaxxa li jkun fiha tmienja u għoxrin kilo. Jikkonferma li la ma jkollhiex ħsara l-patata ma jkunx hemm bżonn li jiġu ċċekkjati wisq, bejn wieħed u ieħor jaqsam xi tmienja fil-ħin li jkun hemm hu. Ix-xhud insista li l-prodott dejjem wasal tajjeb għand Quality Fruits. Jgħid li n-nies jaħdmu kienu barranin u li kien indikhom bħala esperti fl-affidavit tiegħu għaliex huma jagħżlu l-patata meta titpoġġa fuq il-conveyer. Jgħid li dawn in-nies jaħdmu ma' Raphael u li hu ma għandhux x'jaqsam magħhom. Jixhed li n-nies li kien jaħdmu miegħu biex jiġbru l-patata huma: Charlo Magri, Adrian Brincat u xi ziju tiegħu. Huwa qal li kien hu li ħa l-patata għand Quality Fruits and Vegetables, u li ġieli jieħu lill-ħaddieħor jgħinu jieħodhom. Spjega li peress li kien hemm tnax-il mitt xkora patata ma jkunx

[23] Magħmul quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar l-4 ta' Marzu 2024, a fol. 95 sa 100;
[24] Magħmul quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar l-4 ta' Marzu 2024, a fol. 101 sa 127;

għaddihom lil Quality Fruits f'darba, jaf ikun għaddihomlu f'ġimgħa, iżda meta reġa ġie mistoqsi qal li din konsenja ta' patata ta' staġun u għalhekk seta' jkun tellagħha għand Quality Fruits fi żmien xahar jew ġimgħat. Kompla billi qal li l-biċċa l-kbira jkun hu stess li jieħu l-patata Ta' Qali, u jkun mar xi tmien darbiet hu stess Ta' Qali għand Quality Fruits. Jgħid illi meta jmur bil-konsenja, din tista' teħodlu ġurnata tistenna, u ċaħad li kien mgħaġġel dakinhar li mar bil-konsenja mertu ta' din il-kawża, u qatt ma talab il-lavranti ta' Quality Fruits biex jgħaġġlu l-proċess biex jeżaminaw il-patata, kif ukoll li kien jaf li l-patata kellha l-problemi. Ikkonferma li kien hu l-aktar li qasam patata biex jeżaminaha, għalkemm il-persuni l-oħra li għenuh jieħu l-konsenja wkoll eżaminawha. Huwa kkonferma li wara li tiġi eżaminata l-patata din tittieħed ġo cold room biex tinżamm f'temperatura kkontrollata u anke meta tiġi esportata titpoġġa f'cold room biex tinżamm f'temperatura kiesħa. Huwa spjega li jmorru bil-vann bil-patata, titla' fuq il-conveyor belt, tintgħażel u titpoġġa ġol-ixkejjer, titpoġġa bil-palletizer u titħalla għal ftit jiem ġot-tinda jew ġol-container. Meta mistoqsi dwar il-konsenja mertu ta' din il-kawża huwa jgħid li ġieli rah jgħabbi lil Raphael, huwa jinsisti li minħabba s-sħana bil-fors trid tintuża s-sistema tal-cold room, jispjega li l-patata titpoġġa f'cold room u container bl-istess temperatura u jirreferi għalihom it-tnejn bħala cold room, tinżamm ġo friġġ u mhux friża, minn ġol-container tal-cold room tinħatt u terġa titpoġġa ġo cold room. Huwa qal li għand Quality Fruits huwa daħal sat-tinda biss, u meta saret referenza għall-affidavit tiegħu fejn qal li l-patata titħassar mill-ewwel minħabba s-sħana, huwa kkonferma li kien Raphael jew min ħa ħsieb il-cold room li għamel xi ħaġa ħażina biex saret il-ħsara lill-patata. Huwa kompla billi qal li dak iż-żmien li saret il-konsenja tkun is-sħana u jekk tinżammx fit-temperatura tajba wara jumejn tlieta taf tagħmel is-susa minn ġewwa u joħroġ 'l barra, u jsirilha l-ħsara. Huwa oġġezzjona meta ngħad lilu li l-patata l-oħra kkonsenjata lil Quality Fruits minn ħaddieħor ma sarilhiex ħsara, u dana peress li huwa jgħid li ma jistax ikun jaf u li dawn l-affarijiet ma seħħewx lilu biss imma anke lil ħaddieħor. Huwa kkonferma li ġarr il-patata fi truck tiegħu bis-saqaf mikxuf u li kellu li jkun poġġiha f'kaxxi wara li tinqala' l-patata u tittieħed, u sakemm imur bi vjaġġ tinqala' aktar patata, biex tinġabar u tittieħed. Huwa jsostni li f'ġurnata, mhux se jiġrilha xejn il-patata, huwa biss jekk jgħaddu ħafna ġranet li titħalla f'temperatura sħuna li jista' jsirilha l-ħsara. Ix-xhud insista li hemm ħaddieħor li ma tħallasx, u jgħid li ġara dan għaliex telgħet somma ta' sbatax-il elf u meta kienu qiegħdin jagħmlu l-karti Raphael Scerri qallu li mar tajjeb din is-sena, huwa qal li fis-sena ta' qabel dam fuq sena biex jitħallas.

Rigward il-patata mertu ta' din il-kawża jgħid li kien wara xahar u nofs/xahrejn li kien infurmat bid-difetti fil-patata, u li dawn il-ħsarat kienu minn barra u minn ġewwa, u meta muri r-ritratti huwa qal li l-patata hija mtebba'. Huwa jsostni li ma jafx x'ġara bil-patata wara li ħa l-konsenja, u li anke qal lil Raphael biex imorru jaraw il-patata ġewwa l-Olanda, kien anke dispost li jħallas il-biljetti tal-ajru hu. Ix-xhud ikkonferma li l-patata

kkonsenjata lil persuna oħra Raymond Abdilla kienet maqlugħa mill-istess għalqa u mill-istess konsenja u ma kellu ebda ħsara. Jinsisti li l-patata ġralha l-ħsara wara li nqalgħet u dan minħabba t-temperatura għolja u li kien bixxha għall-mard.

Magri jispjega li l-patata jaqilgħuha meta l-pjanta tal-patata tmut, u jekk tkun għadha ma saritx tkun għadha ħadra tinbarax hi u tinqala' bil-magni, u wara li tinqala' u tittieħed għand l-esportatur u titpoġġa fuq il-conveyor biex tiġi eżaminata, jekk ma tkunx tajba ma jaċċettawhiex, mill-ewwel jarawha u jgħidulu mhux tajba u jibgħatha lura. Jispjega li mhux dejjem jintuża l-bexx, u l-bexx jitpoġġa fuq il-pjanta, u wieħed jista' jinduna li l-pjanta jekk għandhiex bexx jew le jekk wieħed jittestjaha bi strument jew tittieħed f'laboratorju.

Rat il-provi kif prodotti mis-soċjetà intimata:

L-affidavit ta' Cornels Jacominus Schouten[25] li permezz tiegħu huwa xehed li huwa kien ingaġġat mis-soċjetà Altena li timporta u tbiegħ il-patata li ilha tixtri l-patata mingħand Quality Fruits and Vegetables għal sittax-il sena, u li tul dan iż-żmien huma dejjem irċevew patata ta' kwalità tajba, iżda f'Ġunju 2019, Quality Fruit and Vegetables Ltd kienet issuppliet lil Altena b'konsenja ta' patata prodotta minn Julian Magri li kienet ta' kwalità inferjuri. Qal li ħa r-ritratti personalment tal-patata u għaddiehom lil Quality Fruit and Vegetables, u li l-patata kienet tant difettuża li kellhom jintbiegħu bħala għalf għall-baqar bir-rata ta' €0.05 il-kilo, li huwa ferm inqas mill-ispejjeż tat-trasport li huwa ta' €0.13 il-kilo. Minħabba dan, huwa jgħid, li r-reputazzjoni tajba li hemm fl-Olanda tal-patata prodotta u importata minn Malta taf ikollha konsegwenzi negattivi.

L-affidavit ta' Noel Agius[26] fejn jgħid li huwa lavrant mal-kumpanija konvenuta u li ilu jaħdem magħhom għal aktar minn 24 sena, jaf li Magri ilu jagħti l-patata tiegħu għall-esportazzjoni għal ħames snin. Xehed li għall-ħabta tas-sena 2019, Magri kien mar biex tiġi esportata l-patata tiegħu, iżda meta mar, mar b'attitudni arroganti u beda jinsisti miegħu u mal-lavranti l-oħra biex iħaffu l-proċess u jgħaġġilhom b'xogħolhom. Huwa spjega li l-proċess tal-esportazzjoni tal-patata, u qal li l-bidwi u f'dan il-każ kien Magri, jitfa' l-patata tiegħu ġo magna u eventwalment tiġi esportata ġo xkejjer kbar, huwa jsostni li ma setgħax jara d-difetti tal-patata meta kienet qiegħda tingħadda mill-magni u dan peress li d-difett kien minn ġewwa. Huwa jgħid li xogħolu huwa li jikkontrolla l-kwalità tal-patata minn barra, jara l-kulur, il-forma, il-qsim, is-susa u t-tixqieq, mhux jara l-kwalità tal-patata minn ġewwa. Agius qal li wara ftit ġranet kien infurmat minn Raphael Scerri li huwa l-imgħallem tiegħu li kien ġie mgħarraf minn

---

[25] Bil-lingwa Ingliża a fol. 125 tal-proċess;
[26] Fol. 126 u 127 tal-proċess;

kumpanija Olandiża li l-patata ta' Magri kienet difettuża u ma setgħetx tintuża, u hekk ftakar li Magri kien qagħad jinsisti miegħu ftit ġranet qabel biex jgħaġġel biex jeżamina l-patata. Xehed li l-Imgħallem tiegħu kien bagħat għal Magri biex ikellmu fuq din il-konsenja u bid-difetti li kien hemm, jgħid li Scerri kien offrielu li kien se jitħallas mill-kumpanija Olandiża b'mod dirett, jgħid li offra lil Magri biex imorru l-Olanda biex jaraw il-patata flimkien, iżda li Magri ma aċċettax li jmur, u kien baqa' jinsisti li kellu jitħallas għal kollox. Jgħid li Magri qatt ma kellmu aktar wara dan minkejja li jgħixu fl-istess lokalità u jarah ta' spiss.

L-affidavit ta' Raphael Scerri[27] fejn stqarr li huwa direttur tal-kumpanija konvenuta li ilha involuta diversi snin fl-esportazzjoni tal-patata; fosthom mal-kumpanija Olandiża Altena għal aktar minn sitta-il sena, u li qatt ma kellhom problemi bejniethom. Jgħid li Magri kien ilu jfornilhom il-patata għal ħames snin u ma kellhomx lmenti fuq il-prodott ta' Magri. Jgħid li kien f'Ġunju 2019 li nqala' ntopp bejn il-kumpanija tiegħu u Altena minħabba li Altena sostniet u wriet ritratti li parti sostanzjali tal-konsenja ta' patata prodotta lokalment minn Magri kellha difetti li l-kumpanija tiegħu ma setgħetx tara qabel ipproċediet bl-esportazzjoni. Huwa qal li Shouten, direttur ta' Altena li nduna b'tali difett, u li kienet żgur il-patata ta' Magri peress li ma kull xkora li jibgħatu huma jannettu l-isem tal-bidwi li jkun ipproduċa l-patata. Huwa jgħid li t-trailers ikunu mgħobbija b'dawn l-ixkejjer il-kbar li jkollhom numru ta' referenza, l-isem tal-bidwi u d-data ta' meta jkunu mtlew bil-patata. Scerri rrefera għar-ritratti li rċieva mingħand Shouten u jgħid li d-difetti nstabu fuq in-naħa ta' ġewwa tal-patata, u li Altena ma setgħetx toffrieha fuq is-suq Olandiż u nbiegħet lill-bidwi Olandiż biex tiġi mitmugħa lill-baqar għall-prezz ta' €0.05 kull kilo, liema ammont kien inqas mill-ispejjeż tat-trasport kien ta' €0.13 kull kilo. Huwa jgħid li meta sar jaf b'dan, kien offra lil Magri, quddiem lavrant tiegħu stess, biex imorru l-Olanda a spejjeż tal-kumpanija konvenuta biex jaraw din il-patata, iżda Magri ma aċċettax. Scerri jgħid li l-kumpanija tiegħu ma setgħetx taċċetta li tħallas €12,665 mitluba minn Magri meta parti sostanzjali tal-konsenja kienet difettuża; semma' wkoll li Magri għandu jħallas lill-kumpanija €4358.45 għal żerriegħa u fertilizzant li ngħatatlu biex ikabbar il-patata. Huwa spjega l-proċess ta' kif taħdem il-kumpanija tiegħu mal-bdiewa, li kif jasal il-bidwi bit-trakk ġol-warehouse tiegħu ġewwa ta' Qali, il-bidwi jibda jaqleb il-kaxxi tal-patata fuq il-magna u tiġi graded minn 35mm sa 65mm u ppakkjata. Jgħid f'dan il-każ il-patata ġiet ippakkjata fl-ixkejjer il-kbar, twaħħal l-isem tal-bidwi, in-numru ta' referenza u d-data. Wara ftit siegħat għabbew il-patata fir-reefer trailer b'temperatura ta' 8 gradi ċelsius. Qal li jgħabbu bejn wieħed u ieħor tmintax u għoxrin xkora kbira fit-trailer.

[27] Fol. 128 sa 130 tal-proċess;

L-affidavit ta' Lawrence Buhagiar[28] fejn stqarr li huwa bidwi u jikkoltiva l-patata u ilu jaħdem l-għelieqi minn meta kien għadu żgħir, u li ilu jaħdem ma' Raphael Scerri u l-kumpanija tiegħu Quality Fruits and Vegetables Ltd, għal 22 sena. Jgħid li l-proċess tal-ħsad tal-patata għall-esportazzjoni jibda normalment minn nofs Marzu sal-aħħar ta' Mejju. Jgħid li waqt li jaqilgħu l-patata joqgħodu attenti biex tingħażel patata ta' kwalità tajba u din titpoġġa f'kaxxi apposta, li jitwasslu immedjatament għand l-esportatur Quality Fruits and Vegetables Ltd, fil-warehouse tiegħu ġewwa Ta' Qali.

Ix-xhud qal li hu juża trasport personali tiegħu biex iwassal il-prodott tiegħu fil-warehouse ta' Quality Fruits and Vegetables Ltd, u meta jasal jibda jaqleb il-kaxxi tal-patata fil-magna li l-esportatur ikollu hemm, u dan biex il-patata tgħaddi mis-sistema ta' grading u tiġi spezzjonata. Dan ix-xogħol isir minn lavrant ta' Quality Fruits and Vegetables Ltd. u hu bħala bidwi jkun preżenti matul il-proċess kollu sakemm il-prodott jiġi ppakkjat. Jispjega li l-patata tiġi magħżula għall-esportazzjoni skont id-daqs, il-kulur, il-qsim, is-susa, u t-tixqieq. Huwa kompla jispjega li wara li tgħaddi minn dan il-proċess ta' grading u spezzjonata, tiġi ppakkjata fl-ixkejjer ta' tunellata l-waħda jew boroż ta' 25 kg. Jgħid li Quality Fruits and Vegetables Ltd., jieħdu ħsieb li isem il-bidwi jkun miktub fuq l-ixkejjer li fihom ikun hemm il-prodott tiegħu. Huwa qal li ġeneralment ikun hemm reefer truck bil-lest jistenna sabiex malli l-patata tkun ippakkjata tiġi immedjatament imqiegħda fir-reefer truck u tinżamm f'temperatura ta' tmien gradi. Ġaladarba t-trakk ikun mgħobbi, dan jibda l-vjaġġ tiegħu lejn l-Olanda jew xi pajjiżi oħra dakinhar stess. Jgħid li Quality Fruits tħalsu normalment f'Lulju.

Semgħet il-kontro-eżami ta' Raphael Scerri[29] u kkonferma li l-bidwi jmur bil-patata u tkun ġo vann jew trakk impoġġija fil-kaxxi li jkunu jiżnu bejn 25 u 30 kilo, skont id-daqs tal-patata, u mbagħad il-bdiewa jkunu jistennew wara xulxin meta jkun hemm kwantità kbira, jidħol bit-trukk b'lura u jpoġġu l-patata bid-delu li huwa conveyor biex il-patata tiġi magħżula skont il-qies u mbagħad titpoġġa fl-ixkejjer il-kbar, ikun hemm il-lavranti mal-conveyor belt jeżaminaw il-patata u titneħħa dik li tkun milquta. Hu ċaħad li dawn jaqbdu l-patata u jaqsmuha bil-mus, il-lavranti tiegħu jaraw biss il-patata l-ħadra jew maqsuma. Il-conveyor belt taħdem bl-elettriku, u hemm mod kif tista' tagħmlu jgħaġġel aktar jew inqas. Huwa insista li kien mgħaġġel ħafna Magri għal din il-konsenja, beda jgħaġġel lil-lavranti ta' Quality Fruits and Vegetables. Huwa kkonferma li Noel Agius kien il-lavrant tiegħu li kien isostni li miegħu li Magri joqgħod imur bl-għaġġla. Ix-xhud qal li Magri dejjem mexa sew kemm kien ilu jfornihom bil-patata, iżda fil-konsenja mertu ta' din il-kawża beda jgħaġġilhom, u tah il-prezz fuq l-invoice, liema prezz jagħtih skont il-prezz li jagħtuh mill-kumpanija ta' barra. Huwa

[28] Fol. 131 u 132 tal-proċess;
[29] Magħmul quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar l-24 ta' Ġunju 2024, a fol. 134 sa 146 tal-proċess;

jgħid li kien bagħat trailer ta' 40 pied mimli bil-patata, u li minkejja li kien hemm patata prodotta minn ħaddieħor, huwa jkun jaf minn ta' min tkun patata bil-ħsara minħabba li jistgħu jidentifikawha bl-informazzjoni li jkun hemm fuq kull xkora. Insista li kienet il-patata ta' Magri biss li kellha l-problemi, u li ma kienitx il-patata kollha li kellha l-ħsara, iżda ma kienx jaf jgħid il-kwantità ta' kemm kien hemm ħażina, iżda ħafna minnha kienet ħażina. Huwa sostna li din patata ħażina setgħet tħassar ir-relazzjoni ta' negozju u r-reputazzjoni tajba tal-patata ta' Malta. Ix-xhud qal li kien hu li offra lil Magri biex imorru l-Olanda biex jaraw il-patata, u mhux kif qal Magri, u li kien Magri li ma riedx imur. Ikkonferma li ma xtarax il-biljetti tal-ajru għaliex ma riedx imur Magri, u ma rax l-iskop li jmur waħdu jara l-patata.

Semgħet il-kontro-eżami ta' Lawrence Buhagiar[30] ikkonferma li jaf lill-attur għand Rafel, iħott il-patata u li ilu ma jara lil Magri snin qabel. Qal li hu sar jaf bil-kwistjoni bejn Magri u Quality Fruits wara li rċieva karta, u meta mistoqsi min kiteb l-affidavit tiegħu li ġie ppreżentat in atti, huwa qal li kitbu flimkien mal-avukat. Huwa kkonferma li meta jaslu bil-patata, jħottuha fuq il-conveyor belt u jkun hemm erba' jew ħames persuni jeżaminaw il-patata. Jgħid li qatt ma qasmulu patata lilu. Spjega li meta jiġbru l-patata mill-għalqa jippruvaw ma jieħdux il-ħażina magħhom, u jmorru lejn it-tinda tal-Quality Fruits u jidħol bil-makkinarju tiegħu u jibda jħott fuq il-conveyor, titneħħa l-patata l-ħadra u dik maqsuma, u mbagħad titpoġġa fl-ixkejjer kbar, wara li titpoġġa fl-ixkejjer, jissiġillawha u tmur fil-container f'temperatura ta' 8 gradi u taqbad it-triq għall-Olanda. Meta mistoqsi jekk jafx x'inhu reefer truck, huwa wieġeb li huwa truck cold room. Huwa ma setgħax jirrispondi dwar x'isir bil-patata wara li tgħaddi mill-proċess imsemmi. Ix-xhud ikkonferma li huwa bidwi.

Semgħet il-kontro-eżami ta' Noel Agius[31] li kkonferma li huwa jaħdem ma' Quality Fruits u jaf lil Magri kemm mill-post fejn joqgħod kif ukoll minn fuq ix-xogħol tiegħu. Huwa qal li Magri kien ilu jmur bil-patata għand Quality Fruits xi 5 snin. Ikkonferma li l-patata tinħatt fuq magna meta jwassluha għand l-esportatur, u jkun hemm xi erba' ħames min-nies mal-conveyor belt biex jeżaminawha. Huwa tenna li l-veloċità tal-conveyor belt jibdluha skont kemm ikollha ħsara l-patata u jaraw il-patata u jneħħu dik li tkun ħadra u sfigurata. Huwa jiċħad li qatt qasmu l-patata b'mus. Jinsisti li Magri kien joqgħod imur biex jgħaġġel, imma ma jgħaġġluhiex il-magna. Huwa jgħid li ma jkunux jistgħu jaraw jekk hemmx tbajja, imbagħad titpoġġa fil-containers u tmur bit-triq jew bil-baħar, u l-Olanda dejjem bit-triq tmur, skont kif ikun iridha l-klijent. Indika li li Raphael kien qallu li l-patata ta' Magri kien fiha t-tbajja minn ġewwa u dan kien jafu wara li bgħatulu r-ritratti minn barra li jidher li kien hemm ħafna patata li kienet

---

[30] Magħmul quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2024, a fol. 151 sa 155;
[31] Magħmul quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2024, a fol. 156 sa 168;

imħassra. Hu ma setgħax iwieġeb xi tħallas l-imgħallem tiegħu tal-patata ta' Magri. Huwa stqarr li quddiemu ma sar ebda diskors dwar safar, li jaf kien biss li qallu l-imgħallem tiegħu. Huwa imbagħad qal li l-imgħallem tiegħu ċempel lil Magri quddiemu u offrielu li jmorru l-Olanda flimkien biex jaraw il-patata iżda Magri qatt ma mar. Huwa ma semgħax x'qal Magri meta ċempillu Raphael Scerri.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur nhar id-29 ta' Jannar 2025[32] kif ukoll dik ippreżentata mis-soċjetà konvenuta nhar l-14 ta' Marzu 2025[33].

Rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza.[34]

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din il-kawża titratta dwar talba għal ħlas ta' bilanċ minn somma akbar ta' prezz ta' bejgħ u konsenja ta' patata, u li għaliha s-soċjetà konvenuta laqgħet billi qalet li l-patata kienet ħażina, u ressqet talba rikonvenzjonanti għall-ħlas ta' żerriegħa u fertilizzant li ġew kkonsenjati minnha lill-attur. Min-naħa tiegħu l-attur laqgħa għat-talba rikovenzjonanta b'eċċezzjoni li dan l-ammont mhuwiex dovut.

Illi l-Qorti tenuta tgħarbel dan li ntqal, li ġie ppreżentat u trattat, biex tasal għall-konklużjoni tagħha fuq bażi ta' probabilitajiet, tenut kont tal-provi kif prodotti mill-partijiet, fuq it-talba u l-kontro-talba li saru mill-istess partijiet.

Illi din il-Qorti tirreferi għat-tagħlim tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Frar 2001[35], "*il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' żewġ verżjonijiet konfliġġjenti, ikollha tirreferi u toqgħod mhux biss fuq id-depożizzjonijiet kontrastanti mogħtijin mill-partijiet imma testendi l-indaġni tagħha fuq il-provi dokumentali u / jew indizjarji li għandhom iwassluha għas-soluzzjoni ġusta tal-vertenza.*"

Din il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-17 ta' Marzu 2003, fis-sentenza fl-ismijiet *Enrico Camilleri vs. Martin Borg*[36] fejn ġie provdut: "*…kif*

[32] Fol. 169 tal-proċess;
[33] Fol. 179 tal-proċess;
[34] Fol. 150 tal-proċess;
[35] John Pace għan-nom u in rappreżentanza tas-socjetà Accent Clear Traders Co. Ltd. vs Kenward Cole għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà H.P. Cole Limited, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,26 ta' Frar 2001, 221/95JF;
[36] Rik. 478/2000/

*paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija bizzejjed, bħala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet*".

Illi għalhekk, konsegwenza għal dan, din il-Qorti ikkunsidrat dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' deċiżjoni ta' nhar il-25 ta' Ottubru 2024[37]:

"*huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas. Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet 360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar et, (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: "Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017)*;

*Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Richard Attard et vs Mark Anthony Barbara, (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio, (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022."*

Illi l-ewwelnett din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabbilixxi jekk l-attur Magri ressaqx prova sal-grad rikjest mil-liġi li huwa għandu jitħallas is-somma vvantata minnu fir-rikors promotur.

---

[37] Avviż Nru: 75/2024/JG fl-ismijiet Mapfre Middlesea plc (C5553) u MelitaUnipol Insurance Agency Limited (C22256) għal kull interess li jista' jkolla vs Edgar Apap

Fuq dan il-punt, il-Qorti ikkunsidrat, fost l-oħrajn, ix-xhieda mogħtija minn Julian Magri nnifsu, kif ukoll il-kopji taċ-ċits tal-konsenja annessi mal-affidavit tiegħu[38], kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-rappreżentat tas-soċjetà Quality Fruits and Vegetables Ltd li l-ħlas ma sarx.

Illi stante dan, din il-Qorti tikkonsidra li Magri ressaq prova biżżejjed li turi li dak li qiegħed jallega fir-rikors promotur ta' kreditu a favur tiegħu huwa minnu tassew.

Illi in linea mal-insenjament tal-Qrati nostrana hawn ikkwotata, issa li ġie stabbilit li jeżisti kreditu a favur l-attur, "*il-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas.*"[39]

Illi s-soċjetà konvenuta bbażat id-difiża tagħha fuq żewġ binarji: waħda li l-prodott kellu ħafna ħsarat, u l-oħra li hi stess hija kreditriċi tal-attur għall-prodotti oħrajn li biegħetlu, tant illi ressqet talba rikonvenzjonali tagħha fl-atti ta' dan il-proċess.

Illi l-prova li ressqet is-soċjetà konvenuta in sostenn tad-difiża tagħha hija li ġiet mgħarrfa li l-patata kienet ħażina minn rappreżentat ta' soċjetà terza għal dawn il-proċeduri, u dan ferm wara li din il-patata ġiet eżaminata mil-lavranti tas-soċjetà konvenuta nnifisha u fil-fatt aċċettata minn l-istess soċjetà konvenuta, tant illi ħarġet iċ-ċits ta' kemm-il kaxxa patata ġiet ikkonsenjata[40].

Is-soċjetà konvenuta tipprova ssib is-sostenn fid-difiża tagħha billi tallega li l-attur kien għaġġel lil-lavranti tagħha biex tiġi eżaminata l-patata, iżda ma nġiebet ebda prova fuq it-traġitt li għamlet din il-konsenja ta' patata biex waslet l-Olanda, it-temperatura li nżammet fiha, kif ġiet esportata, jekk fil-fatt inżammitx fil-kundizzjonijiet idoneji. Issir riferenza għax-xiehda mogħtija minn Manwel Azzopardi, ħaddiem il-Pitkalija li meta muri r-ritratti li qiegħdin fil-proċess tal-patata u mistoqsi "Il-patata kif issir hekk?", huwa rrisponda billi qal "Temperatura għolja naħseb. Ma kellhiex temperatura tajba fejn kienet miżmuma."[41] Huwa ddikjara li huma ma jaċċettawx li jdaħħlu patata li tkun f'dak l-istat fil-cold room.

Illi għalhekk din il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat tikkonsidra li s-soċjetà konvenuta ma ġabitx il-prova sal-livell rikjest mil-liġi sabiex tipprova d-difiża tagħha ta' prodott ħażin.

[38] Fol. 59 sa 63 tal-proċess;
[39] Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta Avviż Nru: 75/2024/JG ġia kwotata supra;
[40] Fol. 59 sa 63 tal-proċess;
[41] Fol. 78 tal-proċess;

Illi flimkien ma' dan għandu jiġi kkunsidrat ukoll dak li tipprovdi l-liġi Ċivili tagħna permezz tal-Artikolu 1357 tal-Kap 16 li r-riskju tal-oġġett jiġi trasferit fuq ix-xerrej mal-mument li l-bejgħ ikun wieħed perfett u ċioè malli ntlaħaq il-ftehim fuq l-oġġett, f'dan il-każ 1307 xkora patata, u fuq il-prezz, f'dan il-każ €13 kull kaxxa.

Illi r-rappreżentat tas-soċjetà terza xehed li l-patata spiċċat inbiegħet, bil-prezz ta' €0.05-il kilo u li t-trasport sewa €0.13-il kilo, però ma ntqalx kemm inbiegħet patata, u kemm fil-fatt tħallset is-soċjetà konvenuta għal tali konsenja. Mit-testimonjanza mogħtija mir-rappreżentat tas-soċjetà konvenuta Scerri jidher li xi ħlas irċeviet jew tal-inqas kellha tirċievi l-istess soċjetà konvenuta għal din il-konsenja, tant illi anke fl-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta ddikjarat li offriet li tħallas id-differenza, u dan anke issemmiet li se jsir ħlas tas-somma ta' €6027.55 fl-ittra uffiċjali intavolata mis-soċjetà konvenuta b'riżerva li din is-somma tiġi depożitata l-Qorti[42]; u ma nġiebet ebda prova ta' tali depożitu. Tenendo kont li din il-Qorti ma ġietx mitluba u konsegwenza ta' hekk m'għandhiex il-kompetenza sabiex tistabilixxi prezz tal-prodott mibjugħ, din il-Qorti se tħalli bla mittiefes il-prezz tal-patata maqbula bejn il-partijiet u l-kwantità ta' patata konsenjata mill-attur lis-soċjetà konvenuta li rriżultaw miċ-ċitts ippreżentati.

Illi l-ammont li kellu jitħallas mis-soċjetà konvenuta lill-attur huwa ta' €16,991[43], fil-waqt li t-talba tagħha hija għas-somma ta' €12,665 "bilanċ parti minn somma akbar"[44].

Illi meta wieħed jikkalkula d-differenza bejn valur u ieħor, din hija ta' €4,326, u għalhekk din il-Qorti qiegħda tifhem li d-differenza kkalkulata mill-attur hija r-rikonoxximent tal-ammont dovut minnu lis-soċjetà konvenuta għall-konsenja ta' żerriegħa u fertiliżżant li huwa stess irrikonoxxa li kien għadu ma ħallasx lill-istess soċjetà konvenuta.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti sejra tgħaddi għat-talbiet rikonvenzjonanti kif imressqa mis-soċjetà Quality Fruits and Vegetables, li in linea ma' dak li ġià kkwotat din il-Qorti aktar 'l fuq, is-soċjetà rikonvenzjonanti rnexxilha tipprova li s-somma vvantata minnha ta' €4,358.45 rappreżentati żerriegħa u fertilizzant li hija biegħet lill-attur rikonvenzjonat hija fil-fatt dovuta u dan qatt ma ġie miċħud mill-istess attur rikonvenzjonat fl-atti ta' din il-kawża.

Li s-soċjetà rikonvenjonanti naqset milli tagħmel fil-kalkolu tagħha meta qiegħda titlob il-ħlas jew saħansitra tpaċija ma' kull somma li tista' tkun dovuta minnha lill-attur,

---

42 Fol. 28 tal-proċess;
43 1307 kaxxa bil-prezz ta' €13-il waħda;
44 Fol. 1 tal-proċess;

huwa li ma rrealiżżatx li l-istess rikonvenzjonat kien diġà naqqashom mill-ammont reklamat minnu stess fir-rikors promotur tiegħu, u għalhekk diġà ttieħed in konsiderazzjoni dan l-ammont u ma hemmx aktar ammonti x'jitnaqqsu ħlief li jiġi indirizzat il-mod kif sar il-kalkolu mill-attur rikonvenzjonat fit-talba tiegħu.

Illi din il-Qorti taqbel mal-kalkolu magħmul mis-soċjetà rikonvenzjonanti fil-paragrafu numru 8 tan-nota tagħha, u ċioè li meta wieħed inaqqas l-ammonti dovuti skont il-fatturi tal-konsenja tal-fertilizzant u żerriegħa[45] mill-prezz tal-konsenja tal-patata[46], il-bilanċ huwa ta' €12,632.55[47].

Illi s-soċjetà Quality Fruits and Vegetables Limited, tittenta tressaq talba oħra fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, u dan billi fil-paragrafu 9, issemmi ħsara f'numru ta' kaxxi li ġew ritornati, u li għalhekk qabdet di sua sponte llikwidat ammont ta' danni u pproponiet li dan l-ammont jitnaqqas minn kull somma li se mai tkun dovuta lill-attur rikonvenzjonat.

Illi din il-Qorti tqis li talba għal dikjarazzjoni ta' danni u konsegwentement likwidazzjoni ta' danni qatt ma saru mis-soċjetà rikonvenzjonanti, u tosserva li f'ebda mument ma nġiebet prova ta' din il-ħsara, anqas meta xehed ir-rappreżentat tas-soċjetà Quality Fruits and Vegetables Ltd, wisq inqas tal-prezz ta' dawn il-kaxxi; it-tielet talba tas-soċjetà rikonvenzjonanti kienet sabiex tinħareġ ordni lill-attur rikonvenzjonat biex jirritorna dawn il-kaxxi lis-soċjetà rikonvenzjonanti.

Illi din il-Qorti tagħmel referenza kemm għad-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2022, kif korrett ai termini tad-digriet datat 20 ta' Frar 2023[48], kif ukoll għal dak li ġie dikjarat mill-istess soċjetà rikonvenzjonanti permezz tan-nota ippreżentata minnha stess a fol 50 tal-proċess, u ċioè li hi rċeviet 74 kaxxa.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni msemmija, il-Qorti mhux se tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba rikonvenzjonanti.

## Deċide

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Quality Fruits and Vegetables Limited bħala debitriċi tal-attur Julian Magri fis-somma ta' **tnax-il elf sitt mija u ħamsa u sittin ewro (€12,665)**, u

[45] Fol 22 sa 27 tal-proċess;
[46] Fol. 59 sa 63, tal-proċess;
[47] €13-il kaxxa * 1307 kaxxa = €16,991, li minnha trid titnaqqas is-somma ta' €4,358.45;
[48] Fol. 40 u 41 tal-proċess;

konsegwentement tordna l-istess soċjetà Quality Fruits and Vegetables Limited tħallas din is-somma ta' €12,665, u dan bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi[49] sad-data l-pagament effettiv.

Fir-rigward it-talbiet rikonvenzjonanti magħmula mis-soċjetà Quality Fruits and Vegetables Limited, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni talba rikonvenzjonanti għas-somma ta' tnejn u tletin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€32.45), u dan bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali[50], u tordna li din is-somma għandha tiġi paċuta u mnaqqsa mill-ammont dovut lill-attur kif ordnat preżentement minn din il-Qorti.

Fir-rigward l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali, dawn għandhom jitħallsu b'mod ugwali minn kull parti, waqt li l-ispejjeż tal-preżenti inkluż dawk tat-talbiet rikonvenzjonali dawn għandhom jitħallsu kollha mis-soċjetà konvenuta Quality Fruits and Vegetables Limited.

**Moqrija.**

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur

[49] Li m'hijiex esebita fl-atti ta' dan il-proċediment;
[50] 18 ta' Settembru 2020;